# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Carmel Muscat**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Carmel Muscat**, karta tal-identita bin-numru 378752M fejn ġie mixli talli nhar is-7 ta' Mejju 2013 għall-ħabta ta' 06.15 ġewwa Triq il-Fuħħar, L-Imġarr, Malta :-

(a) Saq vettura bin-numru FBL-403 b'manjera (a) traskurata (b) perikoluża (c) u bla kont;

(b) Naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal li jindika "Stop";

(c) talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Jason Bilocca;

(d) talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-

traffiku involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nikita Farrugia skont kif ċertifikat minn Dr. Thomas Armatys M.D. Reg. 2788 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dan il-każ jitnissel minn inċident stradali li l-imputat u l-parte civile kienu involuti fih meta fis-7 ta' Mejju 2013 għall-ħabta ta' 06.15 kienu qed isuqu l-vetturi tagħhom FBL 403 u DAU 432 rispettivament. Il-verżjoni tal-fatti rakkontati minn Nikita Farrugia u l-imputat huma differenti ħafna.

Farrugia tgħid li waqt li kienet qed issuq il-vettura DAU 432 fi Triq Sir Temi Zammit l-Imġarr Malta meta waslet salib it-toroq ma' Triq il-Fuħħar l-Aħmar, l-Imġarr Malta għall-għarrieda ħarġet il-vettura FBL 403 misjuqa mill-imputat mill-istop sign li hemm fi Triq il-Fuħħar l-Aħmar u li kienet tinstab fuq in-naħa tax-xellug tagħha, liema karozza qasmet

minn quddiemha għan-naħa tal-lemin tal-istess Triq il-Fuħħar l-Aħmar. Farrugia ttenni li hija kienet rat l-ewwel darba l-vettura misjuqa mill-imputat meta kienet biss f'distanza ta' madwar nofs it-tul tal-Awla numru 15. Bħala konsegwenza ta' dan l-attraversament għall-għarrieda, hija għamlet manuvra evażiva billi ġibdet lejn ix-xellug tagħha u bħala riżultat ta' dan hija baqgħet dieħla fil-faċċata ta' dar li tinsab fil-kantuniera. Il-vettura li kienet qed issuq spiċċat dikjarata "beyond economical repair" u hija sofriet diversi ġrieħi li saħansitra kienu gravi tant li kkawżaw disabilita' permanenti ta' tlieta fil-mija skont ir-relazzjoni ta' Mr Alec Sultana.

Mill-banda l-oħra l-imputat itenni storja totalment differenti minn din. Huwa jgħid li kien qiegħed isuq il-vettura FBL 403 matul Triq Sir Temi Żammit u hekk kif ġie biex idur lejn il-lemin tiegħu għal Triq il-Fuħħar l-Aħmar, huwa xegħel l-indicator u kif wasal biex idur sema' brake warajh u ra karozza warajh mill-mera tal-ġenb u biex jevita li tidħol fih żied l-ispeed u dar fuq in-naħa tal-lemin; huwa ra' l-karozza li kienet warajh taħbat u ħass id-daqqa u ħalla l-karozza fin-nofs u mar jagħti l-għajnuna lis-sewwieq tal-karozza DAU 432.

Iż-żewġ partijiet jaqblu pero li ma kienx hemm impatt jew kuntatt bejn il-karozzi rispettivi tagħhom.

Mit-trattazzjoni tal-każ tad-difiża jirriżulta li l-imputat mhux jikkontesta l-fatt li Nikita Farrugia sofriet l-offiża ta' natura gravi konsegwenti l-inċident de quo skont dak mistqarr minnha, iżda qiegħed jikkontesta r-responabbilta' għall-inċident de quo. Huwa jtenni li ma kienx jaħti għall-

kawża li waslet għad-danni patrimonjali u fiżiċi f'dal każ. Inoltre jikkontendi li l-istess Nikita Farrugia kienet taħti għall-istess inċident minħabba li kienet qed issuq il-vettura tagħha b'veloċita għolja għal dik it-triq partikolari tant li evidentement ma ratux fit-triq sejjer jagħmel il-manuvra ta' qsim lejn in-naħa tal-lemin ta' Triq il-Fuħħar l-Aħmar.

***Ikkunsidrat : -***

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjonijiet milħuqa mill-imputat dwar id-dinamika tal-inċident u r-responsabbilta għall-istess. Għalkemm huwa minnu li l-verżjoni mogħtija mill-partijiet hija totalment differenti fid-dinamika ta' kif seħħ l-inċident, il-Qorti għandha għad-disposizzjoni tagħha wkoll evidenza ċirkostanzjali li twassal għall-konvinċiment morali, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni dwar il-kawża ta' dan is-sinistru kien attribwibbli għall-manuvra inkonsulta kommessa mill-imputat.

Qabel xejn, minbarra d-deposizzjoni ta' Nikita Farrugia u l-ispjega tad-dinamika tal-inċident skontha, il-Qorti għandha għad-disposizzjoni tagħha wkoll l-iskizz redatt mis-Surġent 1350 C. Xuereb. Għalkemm l-imputat itenni li l-vettura FBL 403 verament spiċċat waqfet fi Triq il-Fuħħar l-Aħmar huwa jtenni li kif murija f'dan l-iskizz, din kienet :

> daqs xejn esagerata hawn hekk forsi....jigifieri mdawwra 'l fuq imma jiena l-karozza waqqaftha, x'ħin smajt id-daqqa ħrigt, il-karozza qiegħda daqs xejn 'il fuq hux għal hekk dik u mhux imdawwra daqs hekk għal kollox kienet.

Il-Qorti tqis dan l-iskizz u l-mod kif spiċċaw il-karozzi bħala evidenza importanti f'dan il-każ. Il-Qorti ssibha diffiċli tirrikonċilja faċilment il-

posizzjoni stazjonarja tal-vettura FBL 403 mal-verżjoni mogħtija mill-imputat. Din il-posizzjoni stazjonarja hija ferm aktar indikattiva ta' manuvra kif deskritta mill-parte civile – fejn l-istess vettura ħarġet għad-dritt mix-xaqliba tax-xellug ta' Triq il-Fuħħar l-Aħmar u qasmet għax-xaqliba tan-naħa tal-lemin tal-istess triq b'mod li b'hekk baqgħet għad-dritt tħares lejn id-direzzjoni li għaliha kienet qegħda taspira li tasal u tinstaq.

Il-manuvra deskritta mill-imputat fix-xiehda tiegħu hija waħda kumplessa u apparti li kontradetta mill-parte civile, hija inverosimili li seħħet kif mistqarr minnu. Nikita Farruga tixhed li l-ewwel darba li rat il-vettura misjuqa mill-imputat kien meta din kienet madwar distanza ta' tul ekwivalenti għal nofs l-Awla 15 il-bogħod minnha – u ċjoe distanza relattivament qasira ta' ftit metri. Kieku l-verżjoni tal-imputat kienet veritjera u l-vettura misjuqa minnu kienet miexja fi Triq Sir Temi Żammit, dan kien ikun ifisser li kienet qegħda tinstaq fl-istess triq u fl-istess direzzjoni fejn Nikita Farrugia kienet qed issuq il-vettura DAU 432. Kieku għalhekk il-verżjoni tal-imputat kienet minnha, Nikita Farrugia ma jistax ikun li tkun ratha biss ftit metri qabel. Anzi kien ikun aktar mis-sewwa li tgħid li kienet riedet bil-fors ratha ferm qabel l-allegata manuvra t'attraversament.

Nikita Farrugia l-anqas ma ssemmi li l-imputat kien qed isuq il-vettura FBL 403 quddiemha u wisq anqas tixhed li ratu bl-indicator mixgħul. Anzi hija tgħid li ħareġ mill-istop sign li kien hemm fuq ix-xaqliba xellugija (tagħha) ta' Triq il-Fuħħar l-Aħmar u dan għall-għarrieda – stante li hija tgħid li kienet ġiet maħsuda u l-istint tagħha ġegħelha tiġbed

biex ma tibqax dieħla fih. Anke l-fatt li hija ġibdet lejn ix-xellug hija indikattiva. Peress li hija tgħid li ħarġilha minn fuq l-istop sign – u ċjoe mix-xellug lejn il-lemin, hija ma setgħetx tieħu l-azzjoni evażiva billi ddur lejn il-lemin tagħha - kif solitament isir – iżda ġibdet lejn ix-xellug tagħha u dan speċifikament biex ma tibqax "dieħla go fih". Jiġifieri sa' dak l-istadju l-imputat kien diġa xiref biżżejjed minn Triq il-Fuħħar l-Aħmar li ppermetta li jiżgiċċa billi għafas il-gass u hija ġibdet lejn ix-xellug. Kien għalhekk li ma seħħx l-impatt bejn iż-żewġt karozzi. Iżda l-parte civile sabet il-ħajt tal-kantuniera jistenniha quddiemha.

Verament li l-parte civile wriet ftit titubanza u wżat it-terminu ta' probabbilita; iżda dan aktar seħħ fil-kuntest ta' jekk l-imputat kienx wieqaf fuq l-istop sign jew kienx baqa' ħiereġ minn fuq l-istop sign. Il-fatt hu li kienet ċara dwar il-fatt li l-vettura FBL 403 ħarġet għall-għarrieda (għax ħassitha maħsuda) għal fuq it-Triq Sir Temi Żammit, u li biex tevita impatt ma din il-vettura kellha tirrikorri għall-azzjoni evażiva billi ġibdet lejn ix-xellug u ħabtet mal-ħajt ta' dar fil-kantuniera bil-konsegwenti danni fiżiċi u patrimonjali.

L-imputat jgħid li meta semgħa l-brakes huwa żied fil-veloċita tal-vettura biex jevita li l-karozza misjuqa mill-parte civile tibqa' dieħla fuqu. Biss minn imkien ma jidher li fejn kienet qed tinstaq il-vettura DAU 432 kien hemm xi tyre marks jew marki oħra li juru waqfien ta' vettura għall-għarrieda. Dan ukoll juri kemm verament li l-parte civile ġiet maħsuda wara li ttieħdet għall-għarrieda bil-manuvra tal-imputat. Anzi mill-istess skizz jirriżulta li kien hemm distanza ta' bejn sebgħa u għaxar metri minn fejn wieħed kien jistenna' li l-vettura misjuqa mill-

imputat kellha tkun qabel tintraprendi l-manuvra t'attraversament fuq il-lemin tagħha.

Il-posizzjoni li spiċċat fiha din il-vettura FBL 403 mhix konsonanti ma vettura li kienet qed tikser minn triq prinċipali għal triq sekondarja u dan ukoll għaliex wieħed ma kienx jistenniha tieqaf f'dik l-angolatura b'dak il-mod li jidher mill-iskizz. Verament li l-imputat jgħid li huwa għafas il-gass wara li semgħa l-brakes biex jevita l-impatt li ħaseb li kien ser ikun hemm u li laħaq dar. Pero l-Qorti ssibha bi tqila temmen li l-imputat kien setgħa jagħmel dik il-manuvra subitanea b'tant preċiżjoni fiż-żmien tant qasir li suppost kien hemm bejn meta ntebħet bih il-parte civile. Din il-Qorti temmen li l-imputat għafas il-gass biex jevita l-impatt – iżda dan għamlu meta skont dak li tgħid Farrugia huwa ħareġ minn Triq il-Fuħħar l-Aħmar għal fuq Triq Sir Temi Żammit b'mod li għafas il-gass preċiżament għaliex sab il-karozza misjuqa minn Farrugia kważi mal-ġenb lemini tiegħu u b'hekk jilħaq jiskapula din il-vettura. Din hija spjegazzjoni aktar tagħmel sens u verosimili ma dak li stqarrew il-partijiet u mal-mod kif spiċċaw il-vetturi rispettivi f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ, id-direzzjoni li kellu jieħu l-imputat dejjem kienet ix-xaqliba opposta ta' Triq il-Fuħħar l-Aħmar u li minnha kien għaddej qabel. Iżda ma kellux jinvadi l-ispazju fit-Triq Sir Temi Zammit, qabel ma jaċċerta ruħu li ma kienx hemm traffiku għaddej minn fuq dik it-Triq u jżomm il-*proper look out* il-ħin kollu.

Il-konsistenza fil-verżjoni tal-parte civile tirriżulta wkoll mill-istess deposizzjoni tal-imputat fejn huwa jtenni li meta mar jissokkorri lill-

parte civile din mill-ewwel tenniet anke miegħu li huwa kien ħarġilha. "Ħariġli, ħariġli" jgħid li qaltlu – u hekk baqgħet tgħid anke meta xehdet.

Issa huwa minnu li din il-Qorti ssibha diffiċli temmen lil Farrugia meta tgħid li hija kienet għaddejja bil-50 kilometru jew mil għaliex id-danni subiti fil-karozza misjuqa minnha kienu inġenti. Biss dan il-fattur fil-kamp penali għandu importanza relattiva in kwantu l-kawża unika ta' dan l-inċident ma jirriżultax li kienet il-veloċita li biha kienet misjuqa l-vettura DAU 432. Anzi jirriżulta li kienet il-manuvra inkonsulta intrapriża mill-imputat meta huwa kien qiegħed isuq fi Triq il-Fuħħar l-Aħmar minflok waqaf u vverifika jekk kienux ġejjin karozzi minn Triq Sir Temi Żammit, għażel li jibqa ħiereġ u hekk kif intebaħ li kien ser ikun hemm probabbli impatt mal-vettura DAU 432 għafas il-gass u ġibed għad-dritt biex jilħaq jiskapulha u b'hekk spiċċa fix-xaqliba l-oħra ta' Triq il-Fuħħar l-Aħmar fil-posizzjoni pekuljari angolata li spiċċa fiha.

L-imputat kien obbligat li jżomm *a proper lookout* inkluż dik li jagħti dik l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq qabel ma joħroġ għal Triq Sir Temi Żammit. Jidher li kieku ta' din l-aħħar daqqa t'għajn kien jintebaħ bil-vettura misjuqa minn Nikita Farrugia li kienet qed tinstaq fid-direzzjoni li fiha kien sejjer isuq hu.

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel***, deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala

> tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat.

L-aġir tiegħu kien il-fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Nikita Farrugia kienet il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali.

## ***<u>DECIDE : -</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 17, 18, 30, 31, 226(1)(a), 328(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94/69 (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-artikoli 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lil **Carmel Muscat**

ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih, tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur millum f'nofs il-lejl.

***Mogħtija illum 9 ta' Marzu 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***